**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2025**

Rikors Numru: 303/24 AL

A B

u

C V

(M.R. Numru 1492/1985)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament miz-zewg rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 t'Awwissu tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (28/08/1986), liema zwieg jinsab debitament registrat mar-Registru Pubbliku [Dok. A].

2. Illi minn dan iz-zwieg hemm tlett itfal li llum il-gurnata huma kollha maggorenni u ndipendenti.

3. Illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono [Dok. B].

4. Illi bejn il-kontendenti ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni. Inoltre bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit taghhom ezebit bhala Dok. C u Dok. D.

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu d- divorzju u/jew hall taz-zwieg.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 t'Awwissu tas-sena elf disa' mija hamsa u tmenin (28/08/1985); u

2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota ta’ Michael Borg li permezz taghha qieghed:

1. Jaghti ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh u bid-data tal-appuntament tar-rikors promotur
2. Jiddikjara li l-esponenti pprezenta l-affidavit tieghu u d-dokumenti relattivi mar-rikors promotur;
3. Jiddikjara u jikkonferma li m’ghandux provi ulterjuri x’jipproduci;
4. Umilment jistieden lil din l-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta’ Awwissu , 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Marzu 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.